



Brussell, 2018

Dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-

Regolament (KE) Nru 852/2004

Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel

Dan id-dokument sar għal għanijiet informattivi biss. Ma ġiex adottat jew approvat b'xi mod mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea ma tagħtix garanzija dwar l-informazzjoni pprovduta, u lanqas ma taċċetta r-responsabbiltà għal kwalunkwe użu li jista' jsir minnha. L-utenti għandhom għalhekk jieħdu l-prekawżjonijiet kollha meħtieġa qabel jużaw din l-informazzjoni, li huma jkun qed jużaw b'sogru personali tagħhom biss.

L-GĦAN TA' DAN ID-DOKUMENT

Dan id-dokument huwa mmirat l-aktar lejn negozji tal-ikel u awtoritajiet kompetenti, u għandu l-għan li jipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda tal-iġjene tal-ikel u dwar suġġetti relatati.

NOTA

Dan id-dokument huwa dokument li qed jevolvi u se jkun aġġornat sabiex jikkunsidra l-esperjenzi u l-informazzjoni miksuba mill-Istati Membri, mill-awtoritajiet kompetenti, min-negozji tal-ikel u mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tal-Kummissjoni.

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament") kien adottat fid-29 ta' April 2004. Huwa jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali tal-iġjene li għandhom ikunu mħarsa min-negozji tal-ikel fl-istadji kollha tal-katina alimentari. Sa minn meta ġie adottat ir-Regolament, il-Kummissjoni ġiet mitluba li tiċċara għadd ta' aspetti inklużi fih. Dan id-dokument għandu l-għan li jsegwi dawn it-talbiet.

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Saħħa u l-Konsumatur wettaq diversi laqgħat ma' esperti mill-Istati Membri sabiex jeżamina u jilħaq kunsens dwar għadd ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tar-Regolament.

Fl-interess tat-trasparenza, il-Kummissjoni ppromwoviet ukoll diskussjoni mal-partijiet interessati sabiex il-partiċipanti b'interessi soċjoekonomiċi differenti jkunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni organizzat laqgħa mar-rappreżentanti mill-produtturi, mill-industrija, mill-kummerċ u mill-konsumaturi biex dawn jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament.

Ġie meqjus ukoll li dawn il-laqgħat u d-diskussjonijiet għandhom ikomplu fid-dawl tal-esperjenza li tkun inkisbet mill-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament mill-1 ta' Jannar 2006.

Wieħed għandu jinnota li kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' konformità tal-leġislazzjoni nazzjonali mar-Regolament jibqgħu barra mill-ambitu ta' dan l-eżerċizzju u dawn se jkomplu jiġu trattati skont il-proċeduri stabbiliti tal-Kummissjoni.

Dan id-dokument għandu l-għan li jgħin lill-partijiet kollha preżenti fil-katina alimentari biex jifhmu aħjar ir-Regolament u biex japplikawh tajjeb u b'mod uniformi. Madankollu, dan id-dokument m'għandu l-ebda stat legali formali u f'każ ta' kontroversja, ir-responsabbiltà finali għall-interpretazzjoni tal-liġi tkun f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja.

Sabiex l-aspetti differenti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 ikunu mifhuma aħjar, huwa essenzjali li wieħed ikun familjari wkoll ma' partijiet oħra tal-leġislazzjoni tal-Komunità, u b'mod partikolari mal-prinċipji u d-definizzjonijiet ta':

- Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel². (jissejjaħ ukoll il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel),

¹ ĠU Nru L 226, 25.6.2004, p 3.

² ĠU Nru L 31, 1.2.2002, p. 1.

- Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa u l-benessri tal-annimali³,
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel⁴, u
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jstabilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u Nru 882/2004, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u Nru 854/2004⁵.

Ġie stabbilit dokument ta' gwida separat dwar ir-Regolament (KE) Nru 178/2002.

(Ara http://europa.eu.int/comm/food/food/foodlaw/guidance/index_en.htm)

³ ĠU Nru L 191, tat-28.5.2004, p 1.

⁴ ĠU Nru L 338, tat-22.12.2005, p 1.

⁵ ĠU Nru L 338, tat-22.12.2005, p 27.

2. L-OBBLIGI TAL-OPERATORI TAN-NEGOZJI TAL-IKEL

Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat min-negozji tal-ikel. Dawn għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti kollha jkunu implimentati b'mod xieraq sabiex tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel.

In-negozji tal-ikel li jinneqozjaw ikel li joriġina mill-annimali, minbarra r-Regolament (KE) Nru 852/2004, għandhom jimplementaw ukoll ir-rekwiżiti xierqa tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

3. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

3.1. Il-Produzzjoni primarja

Ir-Regolament ikopri l-produzzjoni primarja.

Fl-Artikolu 3 (17) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-produzzjoni primarja hija definita kif ġej:

‘Produzzjoni primarja’ tfisser il-produzzjoni, trobbija jew tkabbir ta' prodotti primarji inkluż il-ħsad, l-annimali tal-ħalib u l-produzzjoni ta' annimali fl-irziezet qabel il-qatla. Tinkludi wkoll il-kaċċa u s-sajd u l-ħsad ta' prodotti selvaġġi.

Ir-regoli applikabbli għall-produzzjoni primarja huma stabbiliti fil-punt I(1), Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

Il-punt I(1), Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 ikopri wkoll l-operazzjonijiet li ġejjin li huma marbuta mal-produzzjoni primarja:

- It-trasport, il-ħażna u l-immaniġġjar ta' prodotti primarji fil-post tal-produzzjoni, bil-kondizzjoni li dan ma jibdilx sostanzjalment in-natura tagħhom;
- It-trasport ta' annimali ħajjin, meta dan ikun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament; u
- Fil-każ ta' prodotti li joriġinaw mill-pjanti u prodotti tas-sajd: l-operazzjonijiet tat-trasport għall-kunsinna tal-prodotti primarji, li n-natura tagħhom ma tkunx ġiet sostanzjalment mibdula, mill-post tal-produzzjoni lejn xi stabbiliment.

Għaldaqstant it-terminu “produzzjoni primarja” f'dan id-dokument ta' gwida għandu jinftehem bħala l-produzzjoni primarja li tinkludi dawn l-operazzjonijiet relatati.

It-terminu produzzjoni primarja huwa terminu li jiddeskrivi attivitajiet fuq il-livell tal-biedja jew fuq livell simili u fost l-oħrajn jinkludi:

- Il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti tal-pjanti bħal żrieragħ, frott, ħxejjex u ħxejjex aromatiċi kif ukoll it-trasport tagħhom, il-ħażna u l-immaniġġjar tal-prodotti (mingħajr ma dan ibiddel b'mod sostanzjali n-natura tagħhom) fi ħdan ir-razzett u t-trasport ulterjuri tagħhom lejn xi stabbiliment.
- Il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' annimali li jipproduċu l-ikel fir-razzett u kwalunkwe attività marbuta magħhom kif ukoll it-trasport lejn xi suq jew lejn xi biċċerija ta' annimali li jipproduċu l-laħam jew it-trasport ta' annimali bejn l-irziezet.
- Il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' bebbux fir-razzett u t-trasport possibbli tagħhom lejn xi stabbiliment ta' ipproċessar jew lejn xi suq.
- It-taħlib u l-ħażna tal-ħalib fir-razzett.
- Il-produzzjoni u l-ġbir tal-bajd fil-post tal-produttur, iżda mhux l-operazzjonijiet ta' ippakkjar tal-bajd.
- Is-sajd, l-immaniġġjar ta' prodotti tas-sajd (mingħajr ma dan ibiddel b'mod sostanzjali n-natura tagħhom) fuq bastimenti (għajr bastimenti li jkollhom il-friżers jew bastimenti fabbrika) u t-trasport tagħhom lejn l-ewwel stabbiliment (inklużi s-swali tal-irkant) fuq l-art. Dan jinkludi s-sajd, l-immaniġġjar u t-trasport ta' ħut maqbud fl-ilma ħelu (xmajjar, lagi).
- Il-produzzjoni, it-trobbija, it-tkabbir u l-ħażna ta' ħut f'irziezet tal-akkwakultura u t-trasport tagħhom lejn xi stabbiliment.
- Il-produzzjoni, it-trobbija, it-tkabbir, ir-rilokazzjoni u l-ħażna ta' molluski bivalvi ħajjin u t-trasport tagħhom lejn ċentru ta' dispaċċ, ċentru ta' purifikazzjoni jew stabbiliment ta' ipproċessar.
- Il-ħażna ta' faqqieġh, frott bla għadma, bebbux, eċċ. f'ambjent selvaġġ u t-trasport tagħhom lejn xi stabbiliment.

Rimarki dwar il-produzzjoni primarja:

- **Ir-regoli ġenerali dwar il-produzzjoni primarja** huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 852/2004. Barra minn hekk, għal ċertu ikel (eż. ħalib mhux proċessat, molluski bivalvi ħajjin), hemm **regoli iktar dettaljati** fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 (ara t-taqsima 3.7 tad-dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 dwar l-iġjene tal-ikel li joriġina mill-annimali).
- **Prodotti tas-sajd li n-natura tagħhom ma tkunx ġiet mibdula b'mod sostanzjali:** ara l-gwida provduta fil-punt 3.7.

- **Ċentri tal-ippakkjar tal-bajd:** skont id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti tar-regoli l-ġodda tal-iġjene tal-ikel, iċ-ċentri tal-ippakkjar tal-bajd (anki meta jkunu jinsabu fir-razzett tal-produzzjoni) ma jitqisux bħala produzzjoni primarja.
- **Ċentri tal-ġbir tal-ħalib:** ladarba l-ħalib mhux proċessat jinġabar mir-razzett, il-prodott ma jkunx għadu fil-livell ta' produzzjoni primarja. Iċ-ċentri tal-ġbir tal-ħalib fejn il-ħalib mhux proċessat jinħażen wara li jinġabar minn xi razzett u qabel ma jitqassam lil xi stabbiliment ta' ipproċessar tal-ħalib ma jitqisux bħala produzzjoni primarja.
- **L-għasel u ikel ieħor prodott min-naħal:** l-attivitajiet kollha tat-trobbija tan-naħal għandhom jitqiesu bħala produzzjoni primarja. Dan jinkludi t-trobbija tan-naħal (anki jekk din l-attività tkun tinkludi li l-produttur ikollu l-ġarar tan-naħal 'il bogħod mill-bini tiegħu), il-ġbir tal-għasel, iċ-ċentrifugazzjoni tiegħu u t-tgeżwir u/jew l-ippakkjar fil-bini ta' min irabbi n-naħal. Operazzjonijiet oħra barra l-bini ta' min irabbi n-naħal (eż. ċ-ċentrifugazzjoni u/jew tgeżwir/ippakkjar tal-għasel) ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala produzzjoni primarja, inklużi dawk imwettqa fisem min irabbi n-naħal minn stabbilimenti kollettivi (eż. koperattivi).
- **Bastimenti li jkollhom il-friżers u bastimenti fabbrika:** l-immaniġġjar, il-ħażna u t-trasport ta' prodotti tas-sajd fuq bastimenti li jkollhom il-friżers u fuq bastimenti fabbrika ma jidħlux taħt it-terminu "produzzjoni primarja".

- **Il-produzzjoni tan-nebbieta:**

Minbarra dan id-dokument ta' gwida, il-Kummissjoni adottat serje ta' miżuri leġiżlattivi dwar l-approvazzjoni ta' stabbilimenti li jipproduċu n-nebbieta, dwar it-traċċabbiltà, il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni u l-kriterji mikrobijoloġiċi.

I. Gwida għall-produzzjoni tan-nebbieta:

- B'konformità mal-Anness I, il-Parti A, il-Kapitolu II 2 u l-Kapitolu II 5. (e), l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jaħżnu ż-żerriegħa biex jinbtu f'kundizzjonijiet xierqa mfasla biex tiġi evitata d-deterjorazzjoni li tagħmlilhom il-ħsara u biex tiproteġihom mill-kontaminazzjoni. Fl-istadji kollha tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni, in-nebbieta għandhom jiġu protetti kontra kull kontaminazzjoni li x'aktarx tagħmilhom ħżiena għall-konsum mill-bniedem. Għandhom ikunu stabbiliti proċeduri xierqa biex jiġu kkontrollati l-insetti li jeqirdu l-pjanti u biex jiġi evitat li l-annimali domestiċi jkollhom aċċess għall-postijiet fejn isir, jiġi mmaniġġjat jew jinħażen l-ikel.

- B'konformità mal-Anness I, il-Parti A, il-Kapitolu II 5 (b) u mar-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jaħslu ż-żerriegħa bl-ilma tajjeb għax-xorb eżatt qabel il-ġelbin. L-ilma li jintuża għall-ħasil taż-żerriegħa ma għandux jerġa' jintuża fil-produzzjoni tan-nebbieta.

- B'konformità mal-Anness I, il-Parti A, il-Kapitolu II 5 (c), l-użu tal-ilma tajjeb għax-xorb għandu jitqies neċċessarju bħala sors inizjali ta' ilma għat-tisqija għall-produzzjoni tan-nebbieta biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni.

- B'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jiżguraw li n-nebbieta għandhom jinżammu fil-kesħa mit-tmiem tal-produzzjoni sat-tqegħid fis-suq, inkluż fit-trasport.

II. L-iġjene personali:

B'konformità mal-Anness I, il-Parti A, il-Kapitolu II 5 (d), l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jiżguraw li l-persunal li jkun qed jimmaniġġja n-nebbieta ma jkollux problemi b'saħħitu u jwettaq taħriġ dwar ir-riskji tas-saħħa. B'mod partikolari, il-persunal li jipproduċi jew li jaħsad in-nebbieta għandu jżomm livell għoli ta' ndafa personali u għandu jilbes ħwejjeġ xierqa, nodfa u fejn meħtieġ, ta' protezzjoni. L-ebda persuna li jkollha marda, jew li tkun qed iġġorr marda li tista' tiġi trażmessa permezz tal-ikel jew li tkun qiegħda ssofri minn, pereżempju, feriti infettati, infezzjonijiet tal-ġilda, ġrieħi jew mid-dijarrea, ma għandha titħalla timmaniġġja ż-żerriegħa u n-nebbieta jew tidħol f'żona fejn l-ikel jiġi mqandel f'kull kapaċità fejn ikun hemm il-probabbiltà ta' kontaminazzjoni diretta jew indiretta. Kwalunkwe persuna li tkun affettwata b'dan il-mod u li tkun impjegata f'negozju tal-ikel li jipproduċi n-nebbieta u li x'aktarx tiġi f'kuntatt mal-ikel għandha tirrapporta minnufih il-marda jew is-sintomi, u jekk ikun possibbli, il-kawżi tagħhom, lill-operatur tan-negozju tal-ikel.

III. It-trasport:

L-Anness I, il-Parti A, il-Kapitolu II 5 (a) u (b), il-mezzi tal-ġarr u/jew il-kontejners li jintużaw għat-trasport tal-oġġetti tal-ikel għandhom jinżammu nodfa u jinżammu f'kundizzjoni tajba tat-tiswija biex jipproteġu l-oġġetti tal-ikel mill-kontaminazzjoni u għandhom jiffasslu u jinbnew, fejn meħtieġ, b'mod li jippermettu t-tindif u/jew id-diżinfetazzjoni xierqa. Ir-reċipjenti fil-vetturi u/jew fil-kontejners ma għandhomx jintużaw għat-trasport ta' affarijiet oħra hliief oġġetti tal-ikel fejn dan jista' jirriżulta f'kontaminazzjoni.

3.2. Prodotti primarji

Il-prodotti primarji huma definiti kif ġej fl-Artikolu 2, paragrafu 1, punt (b) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004:

'prodotti primarji' tfisser il-prodotti tal-produzzjoni primarja inklużi l-prodotti mill-ħamrija, tat-trobbija tal-bhejjem, tal-kaċċa u tas-sajd.

Il-prodotti primarji jinkludu *inter alia*:

- Prodotti li joriġinaw mill-pjanti, eż. żrieragħ, frott, ħxejjex, ħxejjex aromatiċi, faqqieġ, żrieragħ li jkunu nibtu.
- Prodotti li joriġinaw mill-annimali, eż. bajd, ħalib mhux proċessat, għasel, prodotti tas-sajd, molluski bivalvi ħajjin.
- Prodotti maħżuna f'ambjent selvaġġ li joriġinaw jew mill-pjanti jew mill-annimali, eż. faqqieġ, frott bla għadma, bebbux, eċċ.

Rimarki dwar prodotti primarji:

- **Il-laħam frisk** mhuwiex prodott primarju peress li jinkiseb biss wara l-qatla.
- **Il-prodotti tas-sajd** jibqgħu prodotti primarji anki wara l-qatla, l-iżvinar, il-qtuġh tar-ras, it-tneħħija tal-ġewwieni, it-tneħħija tax-xewk, l-iffriżar u t-tqegħid tagħhom f'kontenituri għat-trasport fil-livell ta' produzzjoni primarja. Il-prodotti li jirriżultaw minn trattament ulterjuri ta' prodotti tas-sajd (eż. il-qtuġh f'filletti, l-ippakkjar bil-vakum, eċċ.) mhumiex prodotti primarji.

3.3. "Il-“kwantitajiet żgħar” ta' prodotti primarji kif imsemmija fl-Artikolu 1, paragrafu 2(c) tar-Regolament

Ir-Regolament mhuwiex applikabbli għal kwantitajiet żgħar ta' prodotti primarji fornuti direttament mill-produttur lill-konsumatur finali jew lil stabbilimenti lokali ta' bejgħ bl-imnut li jfornu direttament lill-konsumatur finali.

F'termini ġenerali, il-kunċett ta' "kwantitajiet żgħar" għandu jkun wiesa' biżżejjed biex *inter alia* jippermetti lil:

- Bdiewa li jbiegħu prodotti primarji (f'xejjex, frott, bajd, ħalib mhux proċessat⁶ eċċ.) direttament lill-konsumatur finali eż. bejgħ mir-razzett jew bejgħ fis-swieq lokali, lil ħwienet lokali tal-bejgħ bl-imnut għall-bejgħ dirett lill-konsumatur finali jew lir-ristoranti lokali.
- Individwi li jiġbru prodotti bħal faqqiegħ u frott bla għadma minn ambjent selvaġġ biex jippreżentaw il-prodotti tagħhom lill-konsumatur finali jew lill-ħwienet lokali tal-bejgħ bl-imnut għall-bejgħ dirett lill-konsumatur finali jew lir-ristoranti lokali.

Skont l-Artikolu 1, paragrafu 3 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiżviluppaw iktar il-kunċett ta' kwantitajiet żgħar skont is-sitwazzjoni lokali, u li jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali r-regoli neċessarji biex jiżguraw li s-sigurtà tal-ikel tkun garantita (strateġija bbażata fuq ir-riskju).

B'mod ġenerali, ir-regoli tal-liġi nazzjonali stabbiliti mill-Istati Membri fir-rigward tal-kwantitajiet żgħar kif imsemmi fl-Artikolu 1, paragrafu 2(c) għandhom jippermettu li l-prattiki preżenti jkomplu japplikaw, bil-kondizzjoni li dawn jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet tar-Regolament.

3.4. Kummerċ bejn il-fruntieri ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti primarji

L-Artikolu 1, paragrafu 3 tar-Regolament jitlob lill-Istati Membri biex fil-liġi nazzjonali jistabbilixxu r-regoli li jirregolaw il-forniment min-naħa tal-produttur ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti primarji lill-konsumatur finali jew lil stabbilimenti lokali ta' bejgħ bl-imnut.

Okkażjonalment, dan il-forniment jista' jseħħ ukoll bejn il-fruntieri b'mod partikolari f'każ li r-razzett tal-produttur ikun jinsab fil-viċinanzi tal-fruntieri tal-Istati Membri.

⁶ Taħt l-Artikolu 10(8) tar-Regolament 853/2004, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli nazzjonali li jipprojbixxu jew inaqqsu t-tqegħid fis-suq ta' ħalib mhux ipproċessat maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem.

Ir-regoli nazzjonali li għandhom ikunu adottati skont l-Artikolu 1, paragrafu 3 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 għandhom ikunu suġġetti għar-regoli ġenerali tat-Trattat u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 29 u 30 tiegħu.

3.5. L-ipproċessar ta' prodotti primarji fir-razzett

Il-prodotti primarji jistgħu jkunu proċessati fir-razzett, eż. il-ħalib mhux proċessat jiġi proċessat biex isir ġobon, mill-frott jinħareġ il-meraq. Dawn l-operazzjonijiet ma jaqgħux taħt l-attivitajiet deskritti bħala produzzjoni primarja u għalhekk huma suġġetti għar-rekwiżiti ta' iġjene tal-ikel tal-Anness II tar-Regolament u, **fir-rigward ta' ikel li joriġina mill-annimali**, huma suġġetti wkoll għar-rekwiżiti xierqa fir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Eżempji:

- It-tnejn ta' meraq tal-frott fir-razzett

Jekk razzett juża l-ħsad tiegħu jew parti mill-ħsad tiegħu (eż. tuffieħ) biex jipproduċi meraq tal-frott fil-bini tiegħu, dan ir-razzett ikun qed imur lil hinn mill-livell ta' produzzjoni primarja. L-attività tal-produzzjoni tal-meraq tal-frott għandha titqies bħala attività ta' wara l-produzzjoni primarja u għalhekk hija suġġetta għar-rekwiżiti xierqa tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

- Il-produzzjoni ta' ġobon fir-razzett

Il-ġobon huwa r-riżultat ta' ħalib mhux proċessat jew imsaħħan li jiġi proċessat. Il-ġobon, għalhekk mhuwiex prodott primarju, anki meta jsir fir-razzett. B'riżultat ta' dan, il-produzzjoni tal-ġobon fir-razzett għandha tkun konformi mar-rekwiżiti xierqa tal-iġjene tal-ikel stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u fir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Rimarki:

*1) B'mod ġenerali r-Regolament (KE) Nru 853/2004 jeskludi l-bejgħ bl-imnut (jiġifieri l-immaniġġjar u/jew l-ipproċessar ta' ikel u l-ħażna tiegħu fil-punt tal-bejgħ jew fil-kunsinna lill-konsumatur finali) mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dan ifisser li fejn il-ġobon **ikun manifatturat u mibjugħ b'mod sħiħ fir-razzett** jew f'xi suq lokali (eż. is-suq ta' darba fil-ġimgħa, is-suq tal-bdiewa, eċċ) lill-konsumaturi finali, dawn l-attivitajiet jistgħu jitwettqu b'mod konformi mar-rekwiżiti xierqa stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004, b'mod partikolari fl-Anness II tiegħu, filwaqt li m'għandhomx għalfejn ikunu konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għajr għar-rekwiżiti dwar il-ħalib mhux proċessat. Fejn xieraq, trid tkun żgurata wkoll il-konformità mal-miżuri nazzjonali stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali fl-Istati Membri fuq il-bażi tal-Artikolu 1, paragrafu 5(c) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.*

2) Sabiex ikun akkomodat l-ipproċessar fir-razzett jew sabiex jinżammu l-metodi tradizzjonali tal-produzzjoni, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu miżuri nazzjonali li jadattaw ir-rekwiżiti infrastrutturali rilevanti skont il-proċedura stabbilita għal dan il-għan fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, fejn il-metodi tradizzjonali ma jkunux jistgħu jiġu akkomodati fi ħdan ir-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolamenti.

3.6. Il-bajd u l-produzzjoni primarja

Jekk titqies id-definizzjoni ta' produzzjoni primarja fl-Artikolu 3(17) tar-Regolament 178/2002, u fl-Anness I, Parti A, punt I(1) tar-Regolament 852/2004, il-produzzjoni primarja tal-bajd tinkludi l-immaniġġjar tal-bajd, jiġifieri l-ġbir u t-trasport bejn il-bini, u l-ħażna tal-bajd fil-post tal-produzzjoni, bil-kondizzjoni li dan l-immaniġġjar ma jbidilx b'mod sostanzjali n-natura tagħhom. L-ippakkjar tal-bajd, jew fil-post tal-produzzjoni jew fi stabbiliment separat ta' ippakkjar, imur lil hinn mill-attivitajiet ta' produzzjoni primarja. Dawn l-attivitajiet għandhom għalhekk ikunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, u tal-Anness III, Taqsima X tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u tal-Artikolu 116 u l-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli.

3.7. Fil-livell tal-produzzjoni primarja, il-prodotti primarji jistgħu jkunu trasportati, maħżuna u manipolati bil-kondizzjoni li dan ma jbidilx b'mod sostanzjali n-natura tagħhom [ara l-Anness I, Parti A, punt I.1(a) tar-Regolament].

Fil-livell tal-produzzjoni primarja, il-prodotti primarji normalment ikunu suġġetti għal operazzjonijiet bil-ħsieb li l-preżentazzjoni tagħhom tkun imtejba, bħal:

- L-imballaġġ mingħajr trattament ulterjuri
- Il-ħasil tal-ħaxix, it-tneħħija tal-weraq mill-ħxejjex, l-għażla tal-frott, eċċ.
- It-tinxif taċ-ċereali,
- Il-qatla, l-iżvinar, it-tneħħija tal-ġewwieni, it-tneħħija tax-xewk, l-iffriżar u l-ippakkjar tal-ħut.
- Ċentrifugazzjoni tal-għasel sabiex jitneħħew x-xehdi tal-għasel.

Dawn l-operazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala operazzjonijiet normali ta' rutina fil-livell tal-produzzjoni primarja u m'għandhomx iwasslu għall-ħtieġa li wieħed jissodisfa r-rekwiżiti ta' sigurtà tal-ikel flimkien ma' dawk li japplikaw diġà għall-produzzjoni primarja.

Min-naħa l-oħra, ċerti operazzjonijiet li jsiru fir-razzett x'aktarx li jbiddu l-prodotti u/jew jintroduċu perikli ġodda għall-ikel, eż. meta titqaxxar il-patata, meta z-zunnarija titqatta' f'biċċiet, meta tinġabar l-insalata f'boroż bl-applikazzjoni ta' gassijiet ta' imballaġġ jew meta jitneħħew il-gassijiet. Dawn l-operazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu bħala operazzjonijiet normali ta' rutina fil-livell tal-produzzjoni primarja u lanqas bħala operazzjonijiet relatati mal-produzzjoni primarja.

3.8. L-immaniġġjar, il-preparazzjoni, il-ħażna u l-preżentazzjoni okkażjonali tal-ikel minn persuni privati

Operazzjonijiet bħall-immaniġġjar, il-preparazzjoni, il-ħażna u l-preżentazzjoni okkażjonali tal-ikel minn persuni privati f'okkażjonijiet bħal fieri tal-knisja, tal-iskola jew tar-raħal mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Dan jidher ċar fil-preambolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004. It-tieni sentenza tgħid:

"Ir-regoli tal-Komunità għandhom ikunu applikabbli biss għal dawk l-impriżi, li l-kunċett tagħhom jimplika ċerta kontinwità tal-attivitàjiet u ċertu grad tal-organizzazzjoni".

It-terminu "impriża" huwa integrat fid-definizzjoni ta' "negozju tal-ikel" (skont l-Artikolu 3 (2) tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (ir-Regolament (KE) Nru 178/2002), "negozju tal-ikel" għandu jkun "impriża"). Xi ħadd li jimmaniġġja, iħejji, jaħżen jew iservi okkażjonalment ikel fuq skala żgħira (eż. f'fiera tal-knisja, tal-iskola jew tar-raħal u f'sitwazzjonijiet oħra bħal f'xi okkażjonijiet tal-karità fejn l-ikel ikun imħejji minn volontarji u fuq bażi okkażjonali) ma jistax jitqies bħala "impriża" u għalhekk mhuwiex suġġett għar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tal-iġjene tal-Komunità.

3.9. In-negozji tal-ikel u l-bejgħ minn fuq l-internet

Ċerti negozji joffru l-prodotti tagħhom għall-bejgħ permezz tal-internet. Għalkemm dan il-kummerċ mhuwiex speċifikament imsemmi fir-Regolament, dawn in-negozji jidhru taħt id-definizzjoni ta' "negozji tal-ikel" u r-rekwiżiti rilevanti tal-liġi tal-ikel huma applikabbli għalihom.

4. IT-TERMINI "FEJN MEĦTIEĠ", "FEJN XIERAQ", "ADEGWAT" U "SUFFIĊJENTI".

Fejn l-Annessi tar-Regolament jużaw it-terminoloġija "fejn meħtieġ", "fejn xieraq", "adegwat" jew "suffiċjenti", huwa l-ewwel nett f'idejn l-operatur tan-negozju tal-ikel li jiddeċiedi jekk ir-rekwiżit huwiex meħtieġ, xieraq, adegwat jew suffiċjenti biex jilħaq l-għanijiet tar-Regolament (KE) 852/2004.

Sabiex ikun deċiż jekk rekwiżit partikolari huwiex meħtieġ, xieraq, adegwat jew suffiċjenti biex jilħaq l-għanijiet tar-Regolament, għandha tiġi kkunsidrata n-natura tal-ikel u l-użu maħsub tiegħu.

L-operatur jista' jiġġustifika l-għażla tiegħu permezz tal-proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP jew permezz tal-proċeduri operattivi tan-negozju tiegħu. Il-gwidi għal prassi prassi tajba msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament jistgħu wkoll joffru gwida utli u jindikaw x'inhom l-aħjar prassi prassi fil-każi fejn jintużaw it-termini "fejn meħtieġ", "fejn xieraq", "adegwat" u "suffiċjenti".

5. IL-FLESSIBILITÀ

5.1. L-Isfond

Ir-Regolament jistabbilixxi prinċipji li għandhom ikunu applikati min-negozji tal-ikel kollha. Sabiex ikun żgurat li jkun hemm soluzzjonijiet disponibbli għal sitwazzjonijiet speċifiċi mingħajr ma tintilef is-sigurtà tal-ikel, ir-Regolament jaħseb għall-flessibilità. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri nazzjonali li jadattaw ir-rekwiżiti ta' ċerti Annessi tar-Regolament. Il-miżuri nazzjonali għandu jkollhom:

- L-għan li jippermettu li jitkompla l-użu tal-metodi tradizzjonali tal-produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni tal-ikel, jew
- L-għan li jakkomodaw il-ħtiġijiet tan-negozji tal-ikel li jinsabu f'reġjuni li huma suġġetti għal diffikultajiet ġeografiċi.

- F'każi oħra, għandhom japplikaw biss għall-bini, l-istruttura u t-tagħmir tal-istabbilimenti.

L-Istati Membri li jkunu jixtiequ jadottaw miżuri nazzjonali għandhom, għal raġunijiet ta' trasparenza, javżaw b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra (ara l-Artikolu 13, paragrafu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004). Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom id-dritt li jikkomentaw. Fejn dawn il-kummenti jwasslu għal opinjonijiet differenti, il-kwistjoni għandha tinġieb quddiem il-Kumitat Permanenti u għandha tittieħed deċiżjoni.

5.2. Il-Metodi tradizzjonali tal-produzzjoni

Fl-Istati Membri, l-ikel jista' jkun manifatturat skont tradizzjonijiet li jkunu jmorru lura fis-snin u li jkunu taw prova tas-sigurtà tagħhom għalkemm mhux dejjem ikunu konformi ma' ċerti rekwiżiti tekniċi tar-Regolament. Ir-Regolament jirrikonoxxi l-ħtieġa taż-żamma ta' dawn il-metodi tradizzjonali ta' produzzjoni li huma xhieda tad-diversità kulturali tal-Ewropa, u għalhekk jaħseb għall-flessibilità meħtieġa min-negozji tal-ikel.

Fil-kuntest ta' dan id-dokument m'hemm l-ebda intenzjoni li jsir inventarju tal-metodi tradizzjonali ta' produzzjoni fl-Istati Membri. Huwa f'idejn l-awtoritajiet kompetenti li jieħdu l-inizjattivi meħtieġa jew li jaġixxu fir-rigward ta' talbiet għall-flessibilità li jistgħu jsiru min-negozji tal-ikel.

5.3. Il-HACCP u l-flessibilità

Il-metodoloġija tal-HACCP hija flessibbli min-natura tagħha stess, peress li hija bbażata fuq ġabra limitata ta' prinċipji u proċeduri li jappoġġjaw l-għan tas-sigurtà tal-ikel, mingħajr ma jobbligaw lin-negozji tal-ikel li jikkonformaw ma' regoli jew li jimplimentaw proċeduri li mhumiex rilevanti jew adattati għall-kuntest speċifiku tal-attività tagħhom.

Il-gwidi għal prassi tajba għall-igiene u għall-applikazzjoni tal-prinċipji tal-HACCP żviluppatti mis-setturi tan-negozji tal-ikel infushom, kemm fuq livell nazzjonali u kemm fuq dak Komunitarju, għandhom jgħinu lin-negozji biex jimplimentaw proċeduri bbażati fuq l-HACCP li jkunu adattati għall-karatteristiċi tal-produzzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni ħarġet gwida li tispjega l-possibilitajiet ewlenin għall-flessibilità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-proċeduri bbażati fuq l-HACCP.

6. IR-REĠISTRAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TA' STABILIMENTI

6.1. Fil-prassi, xi tfisser ir-reġistrazzjoni ta' stabbilimenti?

L-Artikolu 6, paragrafu 2 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 jitlob li kull stabbiliment ta' operatur tan-negozju tal-ikel ikun reġistrat mal-awtorità kompetenti.

L-għan tar-reġistrazzjoni huwa li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li jkunu jafu fejn jinsabu l-istabbilimenti u x'inhuma l-attivitajiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-kontrolli uffiċjali meta dan jitqies neċessarju mill-awtorità kompetenti nazzjonali u skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 li jitlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati

Membri biex jistabbilixxu proċeduri għall-operaturi fin-negozju tal-għalf u l-ikel li dawn għandhom isegwu meta japplikaw għar-reġistrazzjoni.

Ir-reġistrazzjoni għandha tkun proċedura sempliċi li biha l-awtorità kompetenti tkun infurmata dwar l-indirizz tal-istabbiliment u l-attività li tkun qed titwettaq. Fejn l-informazzjoni tkun diġà disponibbli minn sorsi oħra, eż. mir-reġistrazzjoni għal skopijiet ta' saħħa ambjentali jew tal-annimali jew għal skopijiet amministrattivi oħra, dik l-informazzjoni tista' tintuża wkoll għall-skopijiet tal-iġjene tal-ikel.

Ċertu negozji huma speċjalizzati fil-kummerċ tal-ikel (sensara). Filwaqt li jistgħu jieħdu ħsieb il-moviment tal-ikel bejn il-fornitur u l-bejjieġħ, huma mhux bilfors jimmaniġġjaw l-ikel jew jaħżnuh fil-bini tagħhom (li effettivament jista' jkun uffiċju). Jekk huma jissodisfaw id-definizzjoni ta' "negozju tal-ikel" u ta' "operatur ta' negozju tal-ikel", ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni japplika għalihom.

6.2. L-approvazzjoni tal-istabbilimenti

Il-liġi tal-Komunità titlob li ċerti stabbilimenti li fihom jiġi manniġġjat l-ikel li joriġina mill-annimali jkunu approvati qabel ma jkunu jistgħu jpoġġu l-prodotti tagħhom fis-suq. Għal iktar tagħrif ara t-taqsim 4 tad-dokument ta' gwida dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 dwar l-iġjene tal-ikel li joriġina mill-annimali.

6.3. L-approvazzjoni tal-istabbilimenti skont il-liġi nazzjonali

Ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri li jitolbu l-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-ikel li għalihom il-liġi tal-Komunità (inkluż ir-Regolament (KE) Nru 853/2004) ma tkunx teħtieġ approvazzjoni.

Jekk din il-proċedura tkun applikata mill-Istati Membri, il-liġi tal-Komunità ma timponiex l-użu ta' marka ta' identifikazzjoni jew kwalunkwe restrizzjoni oħra fuq it-tqegħid fis-suq ta' ikel minn stabbilimenti li huma suġġetti għal proċedura ta' approvazzjoni nazzjonali.

7. GWIDI GĦAL PRASSIPRASSI TAJBA GĦALL-IĠJENE U GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI HACCP

L-Artikoli 7-9 tar-Regolament jaħsbu għall-iżvilupp ta' gwidi għal prassiprassi tajba għall-iġjene u għall-applikazzjoni tal-prinċipji HACCP.

Għalkemm dan huwa strument li jista' jintuża b'mod volontarju, dawn il-gwidi jippermettu lis-setturi tan-negozji tal-ikel (**fil-livell tal-produzzjoni primarja u wara l-produzzjoni primarja**) li jiddeskrivu f'aktar dettall kif l-operaturi jistgħu jkunu konformi mar-rekwiżiti legali li huma preżentati f'termini aktar ġenerali fir-Regolament.

Fir-regoli l-ġodda tal-iġjene tal-ikel, hemm stabbiliti għadd ta' rekwiżiti li:

- Iħallu spazju għall-ġudizzju tal-operatur tan-negozju tal-ikel: għal dan il-għan, it-termini "fejn meħtieġ", "fejn xieraq", "adegwat" u "suffiċjenti" huma introdotti fir-Regolament (eż. "numru adegwat ta' friskaturi tal-ħasil tal-idejn għandu jkun

disponibbli”, jew, “it-tindif u d-disinfettazzjoni tat-tagħmir għandhom iseħħu matul intervalli suffiċjenti sabiex ikun evitat ir-riskju ta' kontaminazzjoni”), jew

- Huma mfassla bħala għan li jrid jintlaħaq, imma fejn l-operatur tan-negozju tal-ikel irid jiżviluppa l-mezzi biex jilħaq dan l-għan (eż. fir-rigward tat-trattament tas-sħana f'kontenituri ssiġillati ermetikament, “*kwalunkwe trattament għandu jipprevjeni milli l-prodott isir kontaminat matul il-proċess.*”)

Il-gwidi għal prassi tajba huma għodda utli biex tgħin lill-operaturi tan-negozji tal-ikel fi:

- It-teħid ta' deċiżjoni dwar kemm rekwiżit partikolari jkun meħtieġ, xieraq, adegwat jew suffiċjenti, eż. biex jindikaw x'jista' jkun in-numru adegwat ta' sinkijiet, u
- Id-definizzjoni tal-mezzi biex jintlaħqu l-għanijiet li huma msemmija fir-Regolament, eż. biex jindikaw x'għandu jkun l-intervall bejn kull tindif u diżinfettazzjoni tat-tagħmir.

Il-gwidi jistgħu jkunu utli wkoll għax jinkludu proċeduri li jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tar-Regolament, bħalma huma:

- Proċeduri biex jipprevjenu l-introduzzjoni ta' perikli fil-livell tal-produzzjoni primarja,
- Proċedura għat-tindif u d-diżinfettazzjoni tan-negozji tal-ikel,
- Proċedura għall-kontroll tal-pesti, u
- Proċedura biex ikun żgurat li r-rekwiżit li jkunu żviluppati proċeduri bbażati fuq l-HACCP ikun sodisfatt.

8. ID-DOKUMENTAZZJONI

8.1. Ir-Regolament joħloq il-ħtieġa li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jistabbilixxu, taħt il-proċeduri bbażati fuq l-HACCP, dokumentazzjoni **li tkun proporzjonata man-natura u l-kobor tan-negozju.**

8.2. **Għalkemm mhux mitluba mir-Regolament,** tista' tkun prassi tajba għall-operaturi tan-negozji tal-ikel li jistabbilixxu wkoll dokumentazzjoni oħra li tkun tista' tgħin fil-kisba tal-għanijiet tar-Regolament. Fit-twettiq ta' tali dokumentazzjoni, l-operaturi tan-negozji tal-ikel jistgħu jikkunsidraw dan li ġej:

Dokumentazzjoni dwar rekwiżiti strutturali

Id-dokumentazzjoni jista' jkollha x'taqsam ma' rekwiżiti strutturali sabiex tiċċara numru ta' rekwiżiti ta' natura ġenerali li jinsabu fir-Regolament, bħal:

- L-Anness II, Kapitolu II, punt 1, (a) u (b) fejn huwa stipulat li l-uċuħ tal-art u tal-ħajt għandhom ikunu “ta' materjali mhux-assorbenti, li jinħaslu u mhux-tossiċi, sakemm l-operaturi tan-negozju tal-ikel ikunu jistgħu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti li xi materjali oħrajn huma xierqa”, u (f), fejn l-uċuħ b' mod ġenerali għandhom ikunu “ta' materjali lixxi, li jinħaslu, li jirreżistu l-korrużjoni u li ma

jkunux tossiċi, sakemm l-operaturi tan-negozju tal-ikel ikunu jistgħu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti li xi materjali oħrajn huma xierqa”.

- L-Anness II, Kapitolu III, punt 2(b), fejn l-uċuħ f’kuntatt mal-ikel għandhom ikunu “ta’ materjali lixxi, li jinħaslu, li jirreżistu l-korrużjoni u li ma jkunux tossiċi, sakemm l-operaturi tan-negozju tal-ikel ikunu jistgħu jissodisfaw lill-awtorità kompetenti li xi materjali oħrajn huma xierqa”.

Dokumentazzjoni ta’ rekwiżiti operattivi

Id-dokumentazzjoni jista’ jkollha x’taqsam ma’ rekwiżiti operattivi bħal:

- L-Anness II, Kapitolu IX, punt 4: “Proċeduri adegwati għandhom ikunu fis-seħħ għall-kontroll tal-pesti”.
- Il-ħtieġa li wieħed jiġġustifika l-għażliet fir-rigward tat-termini “fejn meħtieġ”, “fejn xieraq”, “adegwat” u “suffiċjenti”.
- Il-proċeduri u r-reġistrazzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP.

8.3. Kollha flimkien, din id-dokumentazzjoni se tikkostitwixxi proċeduri operattivi li huma element importanti sabiex tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel.

Hemm diversi possibilitajiet sabiex tkun stabbilita din id-dokumentazzjoni:

- Il-gwidi għall-prassi tajba jista' jkollhom parti mid-dokumentazzjoni jew id-dokumentazzjoni sħiħa li tkun meħtieġa.
- In-negozji tal-ikel jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu dokumentazzjoni ad hoc li tkun adattata għas-sitwazzjoni tagħhom.
- Taħt il-proċeduri bbażati fuq l-HACCP (billi tkun ikkunsidrata l-flessibilità meħtieġa għan-negozji tal-ikel, b'mod partikolari għan-negozji ż-żgħar).

Id-dokumentazzjoni tista' tkun provduta f'forma ta' riżultati ta' testijiet fil-laboratorju, f'forma ta' rapporti tal-kontroll tal-pesti, f'forma ta' temperaturi, u f'forma ta' kwotazzjonijiet mil-letteratura jew mid-dokumentazzjoni provduta mill-fornitur tal-materjali tal-kostruzzjoni, eċċ.

9. KWISTJONIJIET TEKNIĊI (ANNESSI)

9.1. Trattament ta' sħana (Anness II, Kapitolu XI)

Fil-każ ta' trattament ta' sħana ta' ikel impoġġi fis-suq f'kontenituri ssiġġilati ermetikament, ir-Regolament jitlob lill-operaturi tan-negozji tal-ikel li japplikaw proċess ta' trattament ta' sħana li jkun konformi ma' standard rikonoxxut b'mod internazzjonali. Dawn l-istandards, pereżempju, ġew żviluppjati mill-Codex Alimentarius, eż.:

- Kodiċi ta' prassi ta' Iġjene għall-Ħalib u l-prodotti tal-ħalib (CAC/RCP 57-2004).
- Kodiċi Internazzjonali Rakkomandat ta' Prassi ta' Iġjene għal Ikel fil-Laned b' Aċidu Baxx u Aċiduż (CAC/RCP 23-1979, rev. 2 (1993)).
- Kodiċi ta' Prassi ta' Iġjene għal ikel Proċessat Mhux Settikament u għal ikel Ippakkjat u b' Aċidu Baxx (CAC/RCP 40-1993).
- Kodiċi Internazzjonali Rakkomandat ta' Prassi ta' Iġjene għal Ħut fil-Laned (CAC/RCP 10-1976).

9.2. Taħriġ (Anness II, Kapitolu XII)

It-taħriġ huwa għodda importanti biex tkun żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' prattiki tajbin ta' iġjene.

It-taħriġ kif imsemmi fl-Anness II, Kapitolu XII tar-Regolament għandu jkun proporzjonat mal-kompiti tal-ħaddiema f'negozju tal-ikel partikolari u għandu jkun adattat għall-ħidma li tkun trid titwettaq.

L-għan tat-taħriġ jista' jintlaħaq f'diversi modi. Dawn jinkludu t-taħriġ intern, l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ, il-kampanji ta' informazzjoni minn organizzazzjonijiet professjonali jew mill-awtoritajiet kompetenti, il-gwidi għal prassi tajba eċċ.

Fir-rigward tat-taħriġ tal-HACCP għal ħaddiema f'negozji żgħar, wieħed għandu jżomm f'moħħu li dan it-taħriġ għandu jkun proporzjonat mal-kobor u n-natura tan-negozju u għandu jkun relatat mal-mod kif l-HACCP huwa applikat fin-negozju tal-ikel. Jekk jintużaw gwidi għal prassi tajba għall-iġjene u għall-applikazzjoni tal-prinċipji tal-HACCP, it-taħriġ għandu jkollu l-għan li jiffamiljarizza lill-ħaddiema mal-kontenut ta' dawn il-gwidi. Jekk ikun aċċettat li f'ċerti negozji tal-ikel is-sigurtà tal-ikel tista' tinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' kondizzjonijiet prerekwiżiti, it-taħriġ għandu jkun adattat għal dik is-sitwazzjoni.

9.3. Trasport (Anness II, Kapitolu IV)

Sistemi ta' trasport adegwati għandhom jiġu implimentati sabiex jiġi żgurat li l-ikel jibqa' sikur u adattat għal konsum uman mal-kunsinna.

Fil-każ ta' trasport ta' oġġetti tal-ikel bl-ingrossa (i.e. oġġetti tal-ikel mhux imgeżwra u ppakkjati f'kuntatt dirett mal-wieċ ta' kuntatt tal-unità ta' trasportazzjoni u l-atmosfera) f'likwidu, granulat jew forma ta' trab, ir-Regolament jeħtieġ operaturi tan-negozju tal-ikel sabiex jużaw mezzi ta' trasport iddedikati.

L-isfond għal dan ir-rekwiżit huwa li hemm prova sostanzjali ta' riskju oġhla li dan l-ikel jkun ikkontaminat minħabba n-natura tiegħu, meta jkun ittrasportat f'vetturi jew kontenituri li kienu użati qabel għal skopijiet oħra. Dan jibqa' validu anke wara t-tindif ta' dawn il-mezzi.

Minħabba li l-kelma "granulat" tista' tfisser "f'forma granulari" jew "fi qmugħ", bosta rekwiżiti kienu magħmula sabiex jiġi kkjarifikat x'hinu mfisser b'dawn il-kliem. F'termini ġenerali, ikun loġiku li dan ir-rekwiżit jiġi llimitat għal oġġetti tal-ikel li ġew mogħtija karatteristika granulari wara l-ipproċessar (eż. z-zokkor) jew qmugħ li ġie mqaxxar, maħsul jew imħejji u li għandhom jiġu mgeżwra/ippakkjati għal-bejgħ lill-konsumatur finali. Għaldaqstant dan għandu jeskludi prodotti primarji bħal qmugħ, li ġew maħżuna u jeħtieġu aktar tħejjija, bil-proċessar jew mingħajru, qabel ikunu maħsuba għal konsum uman.

9.4. Ilma nadif (Anness I u Anness II, Kapitolu VII)

Id-dispożizzjonijiet għall-operaturi tan-negozju tal-ikel sabiex possibilment jintuża ilma nadif hemm referenza dwaru f'bosta partijiet tar-Regolamenti tal-iġjene.

Fejn il-ħut jew molluski bivalvi ħajjin huma immaniġġjati bħala parti mill-produzzjoni primarja, ilma tax-xorb jew ilma nadif (ilma baħar nadif jew ilma pur ta' kwalità simili) għandhom jintużaw sabiex il-kontaminazzjoni tiġi evitata:

- *'Operaturi tan-negozju tal-ikel li jrabbu jew jikkaċċjaw l-annimali jew jipproduċu prodotti primarji li joriġinaw mill-annimali għandhom jieħdu miżuri adegwati, kif inhu xieraq: [...] (d) li jintuża ilma tax-xorb, jew ilma nadif, fejn hu meħtieġ sabiex il-kontaminazzjoni tiġi evitata; '* (Anness I, Parti A, (II)(4)(d) tar-Regolament (EC) 852/2004);

Dispożizzjonijiet simili huma stabbilit fir-rigward tal-immaniġġjar tal-prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin fil-każ li ma jkunux parti mill-produzzjoni primarja:

- *'Ilma nadif jista' jintuża ma' prodotti tas-sajd sħaħ. Ilma baħar nadif jista' jintuża ma' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ħajjin; ilma nadif jista' jintuża wkoll għal ħasil minn barra. Meta jintuża ilma nadif, iridu jkunu disponibbli faċilitajiet u proċeduri adegwati għall-forniment tiegħu biex jiġi żgurat li ma jkunx għajn ta' kontaminazzjoni għall-oġġetti tal-ikel.'* (L-Anness II, Kapitolu VII, punt 1 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004);
- *'[...] l-ilma baħar nadif jista' jintuża għall-immaniġġjar u l-ħasil ta' prodotti tas-sajd, il-produzzjoni tas-silġ li jintuża għat-tkessiħ tal-prodotti tas-sajd u t-tkessiħ rapidu tal-krustaċji u molluski wara t-tisjir'* (Anness III, Taqsima VIII, Punt 3 (c) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004).

Rimarki li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet tal-użu tiegħu:

Kemm fil-produzzjoni primarja kif ukoll fl-immaniġġjar ulterjuri ta' prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin wara l-produzzjoni primarja, miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġi żgurat li l-ilma nadif li jintuża ma jkunx għajn ta' kontaminazzjoni għal prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin. Proċeduri għal monitoraġġ u dokumentazzjoni tas-sigurtà/kwalità tal-ilma għandhom jiġu stabbiliti mill-operaturi. Dawn il-miżuri għandhom jiġu inklużi fil-proċeduri bbażati fuq l-HACCP, meta l-ilma nadif għandu jintuża f'kull stadju wara l-produzzjoni primarja.

Huwa l-kompitu tal-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw jekk il-proċeduri żviluppatti mill-operaturi huma suffiċenti u li jiġu implimentati kif inhu xieraq u ma jkunux kawża ta' riskju għal konsumaturi.

- **Meta jiġi deċiż li jintuża dan l-ilma** u/jew meta jiġu żviluppatti proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom ikunu attenti għal aspetti differenti, bħal:
 - Fl-istudju tal-kompożizzjoni tal-ilma (inkluż possibilment kontaminanti, eż. alka kimika, mikrobijoloġika u tossika, eċċ) fil-punt tat-teħid tal-ilma u l-varjazzjonijiet possibbli tiegħu (effetti staġonali, skariki dipendenti fuq ix-xita, eċċ) sabiex jiġi żgurat li ma jkunx jinkludi mikroorganiżmi, sustanzi perikolużi jew organiżmi marittimi tossiċi fi kwantitajiet li kapaċi kemm direttament kif ukoll b'mod mhux dirett jaffettwaw is-sikurezza tal-ikel,
 - Fl-evalwazzjoni tal-impatt ta' għejun ta' kontaminazzjoni naturali kif ukoll magħmula mill-bniedem u l-miżuri possibbli għal ħarsien sabiex jindirizzawhom (bokka ta' xmara, tħammil, eċċ),

- Fid-deskrizzjoni tal-produzzjoni tal-ilma (riklamazzjoni, trattament, eċċ), ħażna u sistemi ta' distribuzzjoni.
- **Meta jituża dan l-ilma**, l-operaturi tan-negozju tal-ikel għandhom jiżguraw li mhuwiex għajn ta' kontaminazzjoni għal prodotti tas-sajd jew għal molluski bivalvi haġġin. Hemm mezzi differenti kif dan l-għan jista' jintlaħaq, bħal:
 - L-ippompjar tal-ilma għal produzzjoni ta' ilma nadif minn pożizzjoni fejn il-kontaminazzjoni tal-provvista tal-ilma tiġi evitata, jiġu evitati żoni imniġġsa, l-ilma jiġi ppompjat mill-fond, l-ilma jiġi ppompjat f'żoni remoti). Dan għandu jkun biżżejjed għal bastimenti li joperaw fl-ilma miftuħin fil-baħar.
 - L-użu ta' sistema ta' trattament tal-ilma sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti għal ilma nadif jiġu sodisfatti. Dan jista' jinvolvi pass għaż-żamma ta' partikoli, segwit minn pass għal assorbiment u pass għal iġjene, u/jew
 - Proċeduri addattati oħra.

Gwidi għal Prattiki Xierqa jistgħu jkunu għodod xierqa sabiex jassistu l-operaturi tan-negozju tal-ikel fid-definizzjoni ta' dawn il-mezzi sabiex jiġi żgurat li l-ilma nadif użat mhuwiex għajn ta' kontaminazzjoni għal prodotti tas-sajd.

9.5. Postijiet tal-Ikel (Anness II, Kapitolu I)

Il-kunċett ta' "postijiet tal-ikel" mhuwiex limitat għal kmamar fejn l-oġġetti tal-ikel jiġu mmanijġġjati jew ipproċessati. Dan jinkludi wkoll, u fejn hu applikabbli, iż-żona immedjata tal-madwar fil-parametri tal-post tal-operazzjoni tan-negozju tal-ikel.

L-operazzjonijiet kollha meħtieġa għandhom jiġu stabbiliti fil-parametru tal-postijiet tal-ikel sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor (eż. faċilitajiet tal-ħasil ta' vetturi awtorizzati uffiċjalment).

9.6. Ipproċessar taħt Pressjoni Għolja (HPP)

L-Ipproċessar taħt Pressjoni Għolja (HPP) huwa teknoloġija ta' pproċessar li tapplika pressjoni għolja fuq oġġetti tal-ikel solidu jew likwidu biex ittejjeb is-sikurezza tiegħu u f'xi każijiet, biex ittejjeb il-karatteristiċi organolettiċi u l-kwalità.

L-HPP huwa bbażat fuq il-prinċipju li l-batterji jistgħu jitnaqqsu permezz ta' taħlita ta' sħana u pressjoni matul ċertu perjodu ta' żmien. Meta dan iseħħ taħt pressjoni atmosferika, isejnhulu trattament tat-tiħin, bħal ngħidu aħna l-pasturizzazzjoni, meta l-pressjoni tiżdied, isejnhulu HPP. Meta l-iskop huwa li jitnaqqas l-ammont ta' batterji, l-HPP isir l-iktar bejn 400 sa 600 Mega Pascal (MPa) f'temperatura ambjentali, għalkemm minħabba l-effett tal-pressjoni, it-temperatura tal-prodott f'kompartiment taħt pressjoni tista' togħla b'3-6°C għal kull żieda fil-pressjoni ta' 100 MPa, skont il-kompożizzjoni tal-prodott.

L-HPP jiġi applikat prinċipalment fuq meraq, zlazi, dips, prodotti tal-ħut, prodotti tal-laħam u ikliet lest għall-konsum ippakjati minn qabel.

Awtorizzazzjoni tal-HPP

L-HPP jitqies bħala mod fiżiku (bil-pressure) li jnaqqas il-kontaminazzjoni meta tintuża għal tnaqqis tal-kwantità ta' batterji. Mhux soġġett għal awtorizzazzjoni fil-livell tal-UE. Jistgħu jiddeċiedu l-Istati Membri jekk ikunx hemm bżonn awtorizzazzjoni minn qabel. Jekk Stat Membru jkun jixtieq li jiġi rregolat l-użu ta' dan il-proċess, jenħtieġ li l-ewwel jinnotifika⁷ dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Mingħajr notifika taħt ċerti kundizzjonijiet ta' użu, l-HPP hu preżunt li jkun awtorizzat.

Fil-kuntest tar-Regolament dwar l-Ikel Ġdid⁸, proċess ġdid mhux ġdid sempliċement minħabba li huwa ġdid. Huwa biss fejn il-proċess il-ġdid ikollu effett fuq il-kompożizzjoni jew l-istruttura ta' oġġett tal-ikel li jaffettwalu l-valur nutrittiv, il-metaboliżmu jew il-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa tiegħu, il-prodott li jirriżulta mill-HPP ikun soġġett għal awtorizzazzjoni skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ikel ġdid. Mhuwiex mistenni li oġġett tal-ikel ikun soġġett għal awtorizzazzjoni skont ir-Regolament dwar l-Ikel Ġdid sempliċement minħabba l-użu tal-HPP, minkejja l-fatt li, fl-introduzzjoni tal-HPP, "preparazzjonijiet ibbażati fuq il-frott pasturizzati bl-użu ta' trattament taħt pressure għolja", ġew awtorizzati⁹.

Konformità mal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel

L-operaturi tan-negozju tal-ikel li qegħdin jikkunsidraw l-użu ta' stabbilimenti awtonomi tal-HPP għandhom responsabilitajiet skont l-Artikoli 17 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002¹⁰ biex jiżguraw li l-oġġetti tal-ikel tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel li huma rilevanti għall-attivitajiet tagħhom u jridu jivverifikaw li tali rekwiżiti huma ssodisfati fil-passi kollha tal-proċess.

Dawn ir-responsabbiltajiet jinkludu:

- Jiżguraw li l-oġġetti tal-ikel jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tal-liġi dwar l-ikel
- Jivverifika li dawn ir-rekwiżiti huma ssodisfati
- Jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ it-traċċabilità xierqa, inkluż billi jirrispettaw ir-regoli dwar l-immarkar ta' identifikazzjoni ċarati hawn taħt, u sistemi ta' teħid lura

Regoli ta' iġjene

⁷ Skont l-proċedura ta' notifika stabbilita fid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1).

⁹ It-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/2470.

¹⁰ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

L-operaturi tan-negozju tal-ikel li qegħdin jikkunsidraw l-użu tal-HPP, jiġifieri jenħtieġ li ta' mill-anqas jirrapurtaw din l-attività lill-awtorità kompetenti ta' superviżjoni tagħhom skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004¹¹.

L-applikazzjoni tal-HPP għall-ikel ta' oriġini mill-annimali, li għaliha l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004¹² jistipula r-rekwiżiti, hija soġġetta għall-approvazzjoni tal-istabbiliment għal dan il-iskop qabel ma jinbeda kwalunkwe trattament. F'każijiet fejn ikel ieħor, inkluż il-prodotti komposti li fihom biss prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali, hu esklussivament ittrattat bl-HPP, hemm bżonn biss ta' reġistrazzjoni.

Id-definizzjoni ta' "ipproċessar" fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tirreferi għal kwalunkwe azzjoni li tibdel b'mod sostanzjali l-prodott inizjali. L-eżempji mogħtija ma jinkludux l-HPP iżda jinkludu t-tiġin (bħall-pasturizzazzjoni). Il-lista ta' eżempji mhijiex eżawrjenti u peress li l-effett fuq l-aktar matriċi tal-ikel huwa simili ħafna għat-tiġin (iżda kkawżat minn kundizzjonijiet ta' pressjoni/temperatura/ħin differenti), l-HPP bl-iskop tad-dekontaminazzjoni jenħtieġ li jitqies bħala pproċessar. Stabbilimenti awtonomi tal-HPP iridu jkunu approvati bħala impjanti tal-ipproċessar jekk (parzjalment) ikollhom x'jaqsmu mal-ikel li joriġina mill-annimali.

Fil-każ tat-trattament tal-laħam frisk, il-prodott isir preparazzjoni tal-laħam meta l-ipproċessar ma jkunx biżżejjed biex jimmodifika l-istruttura interna tal-muskolu¹³, eż. meta l-modifika hija biss superfiċjali filwaqt l-istruttura interna tal-muskolu ma tistax tiġi viżwalment jew istoloġikament differenzjata minn laħam frisk mhux ittrattat. F'każ li tiġi mmodifikata l-istruttura tal-muskolu fil-biċċa kollha laħam, dan isir prodott tal-laħam.

L-effettività tat-trattamenti tal-HPP se tiddependi fuq il-pressjoni applikata, iż-żamma tal-ħin, it-temperatura, it-tip tal-matriċi tal-ikel u l-organiżmu fil-mira. Għalhekk il-proċess ta' validazzjoni fi ħdan il-proċeduri bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP fir-Regolament (KE) Nru 852/2004, huwa essenzjali sabiex jiġi evalwat il-livell ta' tnaqqis ta' batterji.

Fir-rigward tal-immarkar ta' identifikazzjoni¹⁴ (ID) f'impjant awtonomu tal-HPP tal-ikel ta' oriġini mill-annimali (eż. prodotti tal-laħam jew prodotti tal-ħalib ippakkjati minn qabel), jiġi kkunsidrat l-approċċ li ġej f'konformità mal-Punt A (1) u (2) tat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004: Ir-rekwiżiti legali jippermettu lill-produttur li jniżżel il-marka tal-ID tiegħu fuq l-imballaġġ/it-tgeżwir biex jintbagħat fl-impjant tal-HPP, u:

- o Jekk, wara t-trattament, il-prodotti jmorru direttament mill-impjant tal-HPP għand il-bejjieġh bl-imnut, mingħajr aktar trattament tal-prodott, il-marka tal-HPP irid jnitniżżel fuq il-pakkett tal-konsumatur;

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

¹³ Ara d-definizzjoni ta' preparazzjoni tal-laħam fil-Punt 1.15 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

¹⁴ Ara t-Taqsima I (A) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

- Jekk, wara t-trattament, il-prodotti jmorru għand stabbiliment ieħor (eż. jirritorna għand il-produttur), il-marka tal-ID tal-impjant tal-HPP jista' jitnizzell fuq il-pakkett jew it-tgeżwir globali u l-impjant l-ieħor (l-aħħar li kellu x'jaqsam mal-prodotti) jenħtiegħ iniżżel l-marka tal-ID tiegħu li tista' tinkludi l-pakkett tal-konsumaturi (jekk dan ma jsirx qabel il-HPP).

Preferibbilment irid ikun hemm marka waħda biss tal-ID u dik fuq it-tikketta hija dik tal-aħħar operatur li kellu x'jaqsam mal-prodott. Iż-żewġ marki tal-ID ta' impjant tal-HPP, kif ukoll tal-produttur jistgħu jitniżżlu fuq it-tikketta sakemm ikun ċar ħafna min għamel xiex.

Kontrolli uffiċjali dwar l-HPP

Il-kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti f'impjanti tal-HPP jenħtiegħ li jiffokaw fuq l-aktar rekwiżiti rilevanti għall-operaturi tan-negozju tal-ikel iċċarati f'din it-taqsim. Minbarra r-rekwiżiti fir-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali¹⁵, jenħtiegħ li tingħata attenzjoni partikolari lill-verifika ta':

- L-applikazzjoni prattika tar-rekwiżiti dwar it-traċċabilità b'mod partikolari f'impjanti awtonomi tal-HPP;
- L-approvazzjoni tal-istabbiliment inkluża l-attività tal-HPP tiegħu, meta meħtiegħ;
- Evidenza dokumentata tal-proċess ta' validazzjoni tagħhom trid tiġi pprovduta mill-operatur tan-negozju tal-ikel; Hija wkoll meħtiegħa l-verifika kontinwa tal-proċess validat bħala parti mill-proċeduri bbażati fuq l-HACCP
- Il-konformità mar-rekwiżiti dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi
- Il-konformità ma' marki ta' identifikazzjoni.

Leġiżlazzjoni oħra dwar is-sikurezza tal-ikel

Huwa ovvju li kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra rilevanti dwar is-sikurezza tal-ikel hi applikabbli għat-trattament tal-HPP (dispożizzjonijiet oħra fir-Regolamenti dwar l-Iġjene (KE) Nru 852/2004, 853/2004 u 2073/2005 (kriterji mikrobijoloġiċi), ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, ...

¹⁵ Sal-14 ta' Diċembru 2019, japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 882/2004 u 854/2004.